MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Numru 141/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**MASSIMILIANO MAURIZIO**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Massimiliano Maurizio ta' 40 sena, bin Giovanni u Luiga nee' Delli Colli, imwieled Genova (Italia), nhar it-28 ta' Novembru 1964, residenti fil-fond numru 242, Triq il-Wied, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 11464A;

Talli nhar it-18 ta’ Frar 2005, gol-Floriana ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ wara nofsinhar;

a) seraq stereo tal-karozzi tal-marka Kenwood tip RC – 420, li jiswa aktar minn mitt lira maltin (Lm100.00) pero’ anqas minn elf lira (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Sandro Agius liema serq huwa aggravate bil-valur tal-haga misruqa, mill-hin u bil-mezz.

b) seraq stereo tal-karozzi tal-marka Pioneer, li jiswa aktar minn mitt lira maltin (Lm100.00) pero’ anqas minn elf lira (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Anthony Azzopardi liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mill-hin, u bil-mezz.

c) seraq stereo tal-karozzi tal-marka Pioneer tip, li jiswa aktar minn mitt lira maltin (Lm100.00) pero’ anqas minn elf lira (Lm1,000.00), liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mill-hin, u bil-mezz.

d) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b’mezzi xort ohra hekk kif imsemmija fl-artikolu 325, tal-Ligijiet ta’ Malta, volontarjament hassar, jew gharaq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hgiega tal-karozza Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni FBN 429 ghad-dannu ta’ l-istess Sandro Agius u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b’mezzi xort ohra hekk kif imsemmija fl-artikolu 325, tal-Ligijiet ta’ Malta, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hgiega tal-karozza Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni DAV 078 ghad-dannu ta’ l-istess Anthony Azzopardi u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni bikrija ta' l-istess Massimiliano Maurizio, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sabiex jipprovdi s-servizzi kollha necessarji lill-imputat biex dan jibda program ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Komunika lid-Direttur Facilita' Korrettiva Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------